# Animazzjoni - Is-Sitt Ħadd tal-Għid (Sena Ċ)

## Dħul:

F'dan is-Sitt Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex inkomplu nesprimu l-ferħ tal-qawmien mill-imwiet ta' Ġesù. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

## Qari:

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum jidher li l-Ispirtu s-Santu kien jaħdem fost l-ewwel insara b'diversi modi. Dan jidher b'mod speċjali fil-kwistjoni dwar jekk l-Insara minn ġnus pagani kellhomx iħaddnu l-Liġi ta' Mosè jew le. Bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu nstabet soluzzjoni. Ġesù Kristu qabel miet wiegħed li ser jibgħat difensur biex imexxi lill-knisja. Din il-wegħda seħħet bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli nhar Għid il-Ħamsin.

Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Fost il-ġnus Alla wera s-salvazzjoni tiegħu.

## Offertorju:

Biex nersqu qrib lejn Alla jeħtieġ li nwettqu aktar bil-qalb il-ħidmiet tagħna b'atteġġjament ta' ferħ u imħabba. Ejjew f'dan il-mument noffru l-frott ta' dawn il-ħidmiet tagħna għall-glorja ta' Alla.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

Permezz tal-Ewkaristija, aħna nersqu aktar qrib ta' Alla. Nersqu b'atteġġjamnet ta' qima għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.